**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

**MINUTI**

`

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla**

## Is-7 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 92/2018

**31 ta' Ottubru, 2018**

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fl-4:00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Alison Zerafa Civelli – Sindku
Roderick Mamo – Kunsillier
Noyah Spiteri – Kunsilliera
James Cauchi – Kunsillier
Ivan Agius – Vici-Sindku
Pablo Cachia Belli – Kunsillier

**SKUZATI:**
Antonia Perini - Kunsilliera

### UFFIĊJAL PREŻENTI:
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

*2A, 'The Rest', St. Margaret Square, Cospicua BML 1202, Malta*
*Tel: (++356) 21663030, (++356) 21665337 - Fax: (++356) 21672222*
*E-mail: bormla.lc@gov.mt*

Is-Sa. Antonia Perini kienet baghtet ittra li permezz taghha talbet lill-Kunsill Lokali jiggustifika n-nuqqas ta' attendenza taghha ghas-seduti 92/2018, 93/2018 u 94/2018 minhabba ragunijiet ta' xoghol. Fuq kunsiderazzjoni tas-Sindku ssekondata mis-Sur Pablo Cachia Belli, il-Kunsill Lokali unanimament iggustifika n-nuqqas tas-Sa. Antonia Perini.

**Minuti**

**92.1 Pjazza Gavino Gulia**

92.1.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali pjanta li kienet tindika xogholijiet ta' tisbih fi Pjazza Gavino Gulia. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi l-proposta kienet waslet wara diskussjonijiet li kienu nzammu mal-American University of Malta rigward problemi ta' vetturi jidhlu minghajr awtorizzazzjoni f'zoni pedonali. Hija sahqet illi l-progett kien jara l-installazzjoni ta' zewg electrical bollards flimkien ma' xi bankijiet u sigar f'zona li diga' kienet riservata ghall-pedonali.

92.1.2 Segwiet diskussjoni libera, li matulha gie diskuss il-progett li kien qieghed jigi propost. Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-ispejjez kollha relatati mal-inizjativa kienet sejra taghmel tajjeb ghalihom l-American University of Malta. Il-Vici-Sindku qal illi kemm il-darba l-Kunsill Lokali japprova l-progett, fl-opinjoni tieghu kellu jigi ffirmat kuntratt bejn iz-zewg partijiet bil-ghan illi l-American University of Malta tintrabat taghmel tajjeb mhux biss ghall-ispejjez inizjali izda wkoll ghall-manutenzjoni tal-progett. Kien hemm qbil mal-proposta mressqa mis-Sur Agius

91.1.3 Is-Sindku qalet illi fl-opinjoni taghha, il-progett, filwaqt li estetikament isebbah iz-zona kien ser ikun qieghed jikkontribwixxi sabiex jonqsu l-abbuzi, u ressqet kunsiderazzjoni sabiex il-progett jigi approvat hekk kif propost. Is-Sa. Noyah Spiteri ssekondat il-kunsiderazzjoni tas-Sindku li giet approvata b'vot unanimu mill-Kunsilliera prezenti

91.20.1 Is-Seduta giet fi tmiemha fil-4:55 p.m. wara li giet ezawrita l-agenda.

Konfermati, illum <u>14 ta' Novembru, 2018</u>

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ___________________ | ________________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |